# Beati u Qaddisin...Gunju

**SAN** JOSEMARÍA ESCRIVÁ - **RELIGJUZ**
**26 ta' Gunju**

**1902 - 1975**

Josemaría Escrivá twieled gewwa Barbastro fid-9 ta'



Jannar 1902. Missieru, bejjieh tat-tessuti, kienu jismu Jose' u ommu Dolores. Kellu hamest ahwa ohra, izda tlett hutu bniet mietu f'eta zghira. Il-ġenituri taw edukazzjoni nisranija profonda lil uliedhom.

Fis-sena 1915 flimkien mal-familja tieghu garrew ghal Logrono fejn missieru sab xoghol iehor. Kien f'din il-belt li Josemaria hass il-vokazzjoni ghal sacerdot. Wara li ra l-passi ta' wiehed religjuz fis-silg, induna li Alla ried xi haga minnu, imma ma kienx jaf ezatt x'kienet. Dahal fis-seminarju ta' Zaragoza bit-tama li jsir jaf aktar u jiskopri x'kienet ir-rieda ta' Alla. Huwa mexa' fuq il-parir ta' missieru biex jistudja wkoll l-ligi civili fl-

Univerista' ta' l-istess belt. U ghal dan il-ghan, dahal fl-universita' bhala student privat.
Huwa kien konsagrat sacerdot f'Marzu tas-sena 1925 u beda' l-appostolat tieghu f'parrocca rurali gewwa Zaragoza. Bil-permess ta'l-isqof huwa mar Madrid biex jakkwista dottorat fil-ligi. Fis-sena 1928 huwa waqqaf l-Opus Dei li Alla urih u ispirah biha ghal bosta snin.

Huwa kompla jezercita il-missjoni tieghu li kienet iggibu qrib il-miserja u l-mard ta' bosta fl-inhawi popolari ta' Madrid.

Waqt il-gwerra civili huwa ezercita l-missjoni tieghu bil-mohbi u kemm-il darba sab kenn f'postijiet differenti. Irnexxilu jhalli Madrid u wara li qasam il-Pirinej sab kenn gewwa Burgos fi Franza.

Wara l-gwerra fis-sena 1939 huwa rritorna Madrid, u fis-snin ta' wara kompla l-missjoni appostolika tieghu fost in-nies lajci, sacerdoti u religjuzi. Fl-istess sena hu temm l-istudji fid-dottorat tal-ligi.

Huwa mar Ruma fis-sena 1946 u hemm gab id-dottorat fit-Teologija fl-Universita' tal-Lateran. Huwa segwa mill-qrib it-thejjijiet u s-sessjonijiet tal-Koncilju Vatikan II. Ivvjagga f'diversi ibliet ewropej biex jaghti mbuttatura ghall-bidu u tishieh ta' l-Opra Opus Dei.

Miet f'Ruma fis-26 ta' Gunju 1975. Gismu huwa midfun fil-Knisja ta' Santa Maria della Pace. Kien Giovanni Pawlu II li fis-sena 1992 ibbejatifikah u fis-sena 2002 hatru qaddis.